

Kawża C-370/08

Data I/O GmbH

vs

**Hauptzollamt Hannover,
li kienet Bundesfinanzdirektion Südost**

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Bundesfinanzhof)

“Tariffa Doganali Komuni — Klassifikazzjoni tariffarja — Nomenklatura Magħquda — Kapitolu 84, Nota 5B — Adapter li fih memory chip intiż għal konnessjoni bejn magna awtomatika ta’ programmazzjoni u l-komponenti elettroniċi intiżi li jiġu programmati — Intestaturi 8471, 8473 u 8536”

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-20 ta’ Mejju 2010 I - 4403

Sommarju tas-sentenza

Tariffa Doganali Komuni — Intestatura tariffarja — Adapter li fih memory chip intiż għal konnessjoni bejn magna awtomatika ta’ programmazzjoni u l-komponenti elettroniċi intiżi li jiġu programmati

(Regolament tal-Kunsill Nru 2658/87, Anness I; Regolament tal-Kummissjoni Nru 1810/2004)

I - 4401

Adapter li jiżgura l-funzjoni ta' konnessjoni elettrika bejn il-programmatur u l-komponenti intiżi li jiġu programmati kif ukoll dik ta' reġistrazzjoni tal-proċess ta' programmazzjoni, li jista' jiġi estratt sussegwentement, jissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fin-Nota 5B(ċ) tal-Kapitolu 84 tan-Nomenklatura Magħquda, li tidher fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, kif emendat bir-Regolament Nru 1810/2004, u għandu jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 8471 ta' din in-nomenklatura bħala "unità" ta' magna awtomatika tal-ipproċessar tad-data, sa fejn il-funzjoni prinċipali tiegħu tikkonsisti fit-twettiq ta' proċessar tad-data. Fil-każ fejn din il-funzjoni hija nieqsa, tali adapter għandu jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 8473 tal-imsemmija nomenklatura bħala "biċċa" jew "aċċessorju" ta' magna jekk, rispettivament,

huwa indispensabbli għall-funzjonament tagħha jew jikkostitwixxi tagħmir li jippermetti l-adattament ta' din il-magna għal xogħol partikolari jew dispożittiv ta' natura li jiżgura servizz partikolari flimkien mal-funzjoni prinċipali tal-imsemmija magna, u dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali. Fil-każ fejn dan l-adapter ma jistax jiġi kklassifikat taħt ebda waħda miż-żewġ intestaturi msemmija, ikollu għaldaqstant jiġi kklassifikat bħala "apparat għall-konnessjoni taċ-ċirkuwiti elettriċi" li minħabba dan il-fatt jaqa' taħt l-intestatura 8356 tal-imsemmija Nomenklatura Magħquda.

(ara l-punti 43-45 u d-dispożittiv)